MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2007

Numru 108/2006

Il-Pulizija
(Spettur Christopher Pullicino)

vs

Martin Cassano

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 782253(M) akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-11 ta' Novembru 2002 u fix-xhur ta' wara din id-data:
i. xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehida b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom – dan bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kap 9;
ii. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jikseb ghalih innifsu jew ghal haddiehor il-hlas ta' flus ta'

sigurta' kontra riskji, jew xi qliegh iehor mhux misthoqq, iddistrugga, xerred 'l hawn u 'l hemm jew gharraq b'xi mezz li jkun hwejjeg tieghu;
iii. b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn Lm1000 bi hsara ta' Rausi Insurance Ltd u/jew persuni ohra – bi ksur ta' l-Artikolu 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kap 9.

Rat l-artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali (folio 105) li bihom bghat l-atti lil dina l-Qorti sabiex tiggudika dwar il-htija jew htijiet tal-imputat, jekk il-kaz, sakemm m'hemmx opposizzjoni tal-imputat;

Rat li l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kawza tinstema sommarjament u tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet il-provi kompriz lill-imputat bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Illi ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-imputat hu akkuzat bir-reat ta' ricettazzjoni, b'dak ta' frodi dwar sigurta', u bir-reat ta' truffa.

Illi l-fatti sakemm jikkoncernaw l-odjerni proceduri kontra l-imputat huma kif ser jinghad: illi l-imputat huwa 'marine engineer' u f'xi data li tiskorri l-erba snin minn dik li fiha ttiehdu l-odjerni proceduri kontra tieghu, certu Incorvaja kien irraporta illi kien sofra serq ta' xi affarjiet minn fuq id-dghajsa tieghu li kienet depositata f'ghalqa vicin tad-dar tieghu. L-imputat kien jaf lill-imsemmi Incorvaja u kien ukoll gieli hadimlu fuq id-dghajsa. Fost l-oggetti li kienu nsterqu kien hemm par Z-drives. Jinghad li d-dghajsa kienet tat-tip 'Coronet'. Tas-serq li sofra l-imsemmi Incorvaja ghamel rapport lill-Pulizija tant li nfethet inkjesta

u ghamel id-debita talba lill-assikurazzjoni tieghu biex jigi risarcit tas-serq u l-hsara li kien sofra. Id-ditta assikuratrici kienet ‘Rausi Insurance’. Is-socjeta’ assikuratrici li gieli kienu uzaw is-servizzi tal-imputat u wara li involvew s-surveyor taghhom illikwidaw d-danni sofferti mill-assikurat taghhom Incorvaja u illikwidaw ukoll ammont ta’ Lm1,300 taz-zewg Z-drives li Incorvaja kien irraportalhom li kienu wkoll insterqu.

Illi mhux kontestat mill-imputat li hu kien involut f’certu stadju, anka fuq talba tad-ditta assikuratrici, partikolarment sabiex ifittex Z-drives kompatibbli ma dawk li kienu gew rappurtati nieqsa u kienu partikolari ghal dik it-tip ta’ dghajsa. Jirrisulta li s-socjeta’ assikuratrici ghamlet ukoll tentattivi biex jinstabu dawn iz-Z-drives izda finalment kien l-imputat li rnexxilu jakkwisthom minghand familja li riedet tiddisponi minn dghajsa b’Z-drives li kienu kompatibbli. Jirrisulta li il-Z-drives inxtraw bl-approvazzjoni tas-socjeta’ assikuratrici anka fir-rigward il-prezz taghhom tant li hadet hsieb thallas ghalihom hi. F’dan il-kuntest kienet harget cekk f’isem l-imputat ghas-somma ta’ Lm1,300 li l-imputat kien iggira favur il-venditur taz-Z-drives. Jirrisulta bhala fatt ukoll mhux kontestat li l-imputat ghamel x-xoghol tal-immuntar ta’ dawn il-Z-drives fuq id-dghajsa ta’ Incorvaja ghall-liema xoghol imkien fl-atti ma jirrisulta li l-imputat thallas mis-socjeta’ assikuratrici, jekk thallas.

Illi dan li gie appena nghad jirrisulta ineccepibbli mill-provi prodotti f’din il-kawza u li inekwivokabbilment jeskludi ir-reat ta’ ricettazzjoni stante li minn imkien ma jirrisulta, anzi jirrisulta l-kuntrarju, li l-Z-drives li akkwista l-imputat ma kienux misruqa u jeskludi wkoll it-truffa billi minn imkien ma jirrisulta li l-imputat esercita la fil-konfront tas-socjeta’ assikuratrici u lanqas fil-konfront ta’ xi terz iehor xi artificji jew raggiri li huma l-element essenzjali biex treggi t-truffa. Irrid hawnhekk jinghad li l-ebda prova ma ngabet li ma kienux dawk iz-Z-drivers li gew immuntati.

Illi ghalhekk jonqos li tigi konsidrata t-tieni akkuza li hi skond l-Artikolu 295 tal-Kap 9, liema artikolu jipprovdi li jkun hati ta’ reat passibbli b’prigunerja minn seba’ xhur sa

sentejn u jekk jasal fil-hsieb tieghu minn disa' xhur sa tlett snin "kull min bil-hsieb li jikseb ghalih innifsu jew ghal haddiehor il-hlas ta' flus ta' sigrurta' kontra r-riskji, jew xi qliegh iehor mhux misthoqq, jiddistruggi, ixerred 'l u 'l hemm jew jgharraq b'xi mezzi li jkun, hwejjeg tieghu".

Issa fil-waqt li l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat isemmi z-Z-drives f'kuntest li ntqal lilu li dawn mhux veru kienu nsterqu jibqa pero' fatt li x-xhieda li offra Nigel Rausi tas-socjeta' assikuratrici hija kontradetta kemm minn Josephine Cassar li nnegozjat u bieghhet iz-Z-drives lis-socjeta' assikuratrici u mhux lill-imputat u mill-istess imputat meta xehed quddiem dina l-Qorti.

Illi huwa principju stabbilit li kull dubbju ghandu jmur favur l-imputat u f'dan il-kaz billi jippermani dubbju f'din il-Qorti fir-rigward din it-tieni akkuza, billi fil-konfront ta' l-ewwel u t-tielet fil-fehma taghha ma jirrizultawx, qeghdha wkoll fil-konfront ta' din-it-tieni akkuza ma sibx htija u konsekwentement tillibera lill-imputat minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------